



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**ta' 13 ta' April, 2006**

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea  
dwar l-awdituri esterni tal-Banque de France**

**(BĊE/2006/5)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Skond l-Artikolu L.142-6 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, il-Kunsill Ġenerali tal-Banque de France jaħtar żewġ awdituri statutorji fdati bil-verifika tal-kontijiet tal-Banque de France. Skond l-Artikolu L.823-1 tal-Kodiċi Kummerċjali, jinħatar awditur deputat biex jissostitwixxi l-awdituri tal-post fil-każ tar-rifjut, in-nuqqas ta' disponibbiltà, ir-riżenja jew il-mewt tagħhom.
- (3) Il-mandati ta' l-awdituri esterni ta' bħalissa tal-Banque de France jispiċċaw wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2005. Jinħtieġ għalhekk li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2006 'il quddiem.
- (4) Il-Banque de France għażel lil Deloitte & Associés u Mazars & Guerard bħala l-awdituri esterni tiegħu u lil KPMG S.A. bħala l-awditur deputat għas-snin finanzjarji 2006-2011 skond ir-regoli tiegħu dwar l-akkwist pubbliku, u l-BĊE jikkunsidra li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħatra,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Huwa rikkmandat li Deloitte & Associés u Mazars & Guerard għandhom jinħatru konġuntament bħala l-awdituri esterni tal-Banque de France għas-snin finanzjarji 2006-2011.
2. Huwa rikkmandat li KPMG S.A. għandhom jinħatru bħala l-awditur deputat tal-Banque de France għas-snin finanzjarji 2006-2011.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 13 ta' April, 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET